**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 37**

**IT-TNEJN 28 TA' APRIL 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P. Fenech ma kienx preżenti minħbba li kien imsiefer, il-Kunsillier M. Fava ma kien preżenti minħabba raġunijiet ta' xogħol u l-Kunsillier R. Rossignaud kien assenti.

Għal din il-laqgħa kien preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

Is-Sindku talab sabiex issir sospenzjoni ta' l-Aġenda ħalli jkunu jistgħu jiġu diskussi u approvati l-aġġustamenti tal-Financial Statements year ending December'13. Il-Kunsillier C. Said issekondat. Il-Hin kien il-5.10pm.

*L-accountant tal-Kunsill spjega fid-dettal l-aġġustament li ntbagħtu mill-Awditur Ġenerali sabiex jiġu mplimentati fil-Financial Statements tal-Kunsill.*

Il-laqgħa reġgħet bdiet fil-5.20pm.

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li dan ir-rapport jiġi approvat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat dwar il-ħidma tiegħu li jinkludi wkoll diversi lagħat li huwa kellu mill-aħħar tas-Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti App. A.

2. Huwa nforma li għamel kuntatt mal-kuntrattur responsabli mix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' Triq il-Qasam u dan infurmah li x-xogħlijiet pendenti (il-parti ta' quddiem il-ħwienet) se jibdew fit-12 ta'Mejju 2014 (wara Jum l-Omm).

3. Is-Sindku ssuġerixxa sabiex fi Triq il-Wiżna għandha tinkesa b'tarmak ġdid it-trinka li kienet saret żmien twil ilu kif ukoll issir reinstatement b'tarmak ġdid fit-trinka li saret riċenti mill-Enemalta. Hu nforma wkoll li parti mill-bankini ta' din it-triq huma mkissra u għaldaqstant dawn ukoll għandhom jinbidlu. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill jagħmel stima tat-triq li minha jinqatgħu x-xogħlijiet tal-kisi bit-tarmak fit-trinka li saret mill-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill.

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier informa li huwa flimkien mal-Viċi Sindku attendew għal-laqgħa li saret ma' l-uffiċċjal tal-Green PAK. Matul din il-laqgħa ġie deċiż li fil-futur qarib l-uffiċċjal tal-GreenPAK jibgħat lill-Kunsill il-proposta tiegħu sabiex dan il-Kunsill jkun jista' jingħaqd ma' din il-kumpanija.

2. Huwa staqsa ukoll jekk hux qed issir clamping ta' vetturi li jkollhom il-liċenzja skaduta u jkunu pparkjati fit-triq. Is- Sindku nforma li sabiex din is-sistema tibda' tiġi mplimentata trid tiġi ffurmata by-law li tirregola din is-sistema. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li tinġib *by-law* rigwrad din il-materja tal-lokalita' oħra sabiex iservi bħala linji gwida.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Chetcuti –ikompli

3. Rigward il-kuntratt tal-knis, il-Kunsillier issuġerixxa sabiex jekk hu possibli issir laqgħa mill-aktar fis mal-Kuntrattur ikkonċernat peress li huwa qed jirċievi diversi lmenti minn xi residenti. Jkun jaqbel ukoll jekk għal din il-laqgħa jkunu preżenti s-Sindku u l-Viċi Sindku.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk bdewx ix-xogħlijiet fuq Jum is-Swieqi għal din is-sena. Hija rrakomndat sabiex jekk se ssir xi attivita' għal familja jiġi mistieden il-Puse' u dan peress li diversi residenti qed jistaqsu li din il-persuna għandha tkun inkluda f' din l-attivta'. Il-Viċi Sindku nforma li huwa ġa beda' jaħdem u li se jżomm din il-proposta' għal futur qarib. Il-Kunsillier M. Abela ħadet l-inkarigu li tagħmel kuntatt mas-Sur.G.Curmi (Puse).

2. Hija infurmat li fadal biss l-aħħar preparamenti sabiex terġa' tiġi organizzata Skola Sajf għal din is-sena fil-bini parrokjali. Din l-iskola se tibda nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2014 u tispicca nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2014. Wara diskuzzjoni fuq il-*fee* ta' reġistrazzjoni ġie deċiż unanimanet li l-prezzijiet jkunu kif indikati hawn taħt:

Tifel/ tifel wieħed/waħda - €170
Żewġt itfal aħwa - €160 *each*
Tlett itfal mill-istess familja - €150 *each*

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier issuġerit sabiex jibdew isiru lezzjonijiet taz-Zumba jew Pilates b' kolloborazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar ic-Cagħak. Il-Kunsillier C. Said ħadet l-inkarigu li tivverfika jekk dawn hux diġa qegħdin issiru u jiffurmaw parti mill-lezzjonijiet tal-Keep Fit li torganizza is-Sinj. M. Decelis fil-bini tat-Tennis Court.

2. Hi staqsiet ukoll dwar il-possibilta' tal-lezzjonijiet bil-Malti mill-Lifelong Learning li jibdew f'Settembru.

3. Il-Kunsillier nfurmat li se tapplika għal skema sabiex isir walking lane madwar il-Fortizza. Il-fondi sa massimu ta €50,000 se jitħallsu mill-istess skema. Il-Kunsill qabel. Hija ħadet l-inkarigu li tikkomunika mal-Perit.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela – tkompli

4. Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi dwar il-proposta li Triq is-Sebħ/ Triq St. Katerina issir one way. Is-Sindku nforma li hu kellu kommunikazzjoni mas-Sindku tal-Għargħur fejn ġie nfurmat li l-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni pero' dawn xtaqu li l-parti li tappartjeni lill-Għargħur tibqa' two-way pero' għar-residenti biss.

Mill-Kunsillier A.Curmi

1. Il-Kunsillier issuġerixxa li s-Seduta li jmiss tiġi skedata għal nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2014 fil-5pm. Huwa issuġerixxa wkoll sabiex kull kunsillier jkun infurmat immedjatament sabiex jiġi evitat li din il-laqgħa tkun ikaċellata minħabba nuqqas ta' qourum. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Huwa nforma li l-korripondenza rilevanti għall-invoice datata f' Diċembru'13 li l-Kunsill kellu jirċievi mill-Kuntrattur tat-tabelli u sinjali, għadha ma waslitx għaldaqstant jkun jaqbel li jinżammu l-pagamenti tiegħu. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jerġa' jagħmel kuntatt ma' dan il-kuntrattur sabiex jfakkru rigward din il-materja.

3. Rigward Jum is-Swieqi ta' din is-sena, il-Kunsillier issuġerixxa sabiex l-Unur ta' Gieħ is-Swieqi jiġi inwgurat f'din l-attivita'. Huwa ppreżent rapport dwar din il-materja li se tkun jkun aness ma' dawn il-Minuti. Wara diskuzzjoni,ġe deċiż li din il-materja tiġi ffinalizzata fis-Seduta li jmiss fejn se jitħabbru wkoll il-membri li se jkun parti mill-Bord inkairgat minn Jum is-Swieqi.

4. Huwa nforma li l-bring-in-sites tal-lokalita' ta' spiss qed jkunu mimlijin ħafna, l-aktar il-kontenut tal-ħġieġ li hemm fejn iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li huwa flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill irraporta diveri drabi via email u bi telefon lil Green MT.

5. Il-Kunsillier informa li fi Triq il-Qantar hemm bżonn li jsir xi tarmak. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hu ġa ħareġ ta' Works Order lill-kuntrattur ikkonċernat Simon Sammut.

6. Il-Kunsillier A.Curmi ssuġeirxxa sabiex il-Minuti tal-laqgha annwali tal-lokalita' ta' din is-sena jiġu ċċirkulati ma' kulhadd mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dawn lesti u se jintbagħtu dal-waqt.

7. Huwa informa li fil-Ġnien FX Ebejer mad-dawra ta' fejn hemm installat l-apparat ta' l-eżercizzju hemm bżonn li jsir *fencing* ta' l-injam.

8. Huwa reġa' fakkar li importanti li kull nhar ta' Ġimgħa jintbagħat l-email bil-laqgħat li jkunu organizzati l-ġimgħa ta' wara.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku nforma li wara li rċieva diversi rapporti minngħand residenti dwar is-sitwazzjoni tal-bring-in-sites, huwa staqsa sabiex jekk hu possibli l-Kuntrattur Mr. Chris Galea inaddaf madwarhom wara li dawn ġew imbattla mill-Green MT. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.72 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App.B), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati peress li ħadd minn dawk preżenti ma oġezzjona.

**IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li riċentament permezz ta' email minghand is-Sur P. Farrugia dwar l-estenzjoni tal-kariga tiegħu fi ħdan dan il-Kunsill. Huwa nforma li dan Reġa' ġie estiż għal sena oħra (jiġifiri sa April 2015).

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta dawn il-kwotazzjonijiet għal PABX System, Network Testing Configurations, Vertical Blinds u Laptop għall-użu tas-Servizzi Soċjali.

   PABX System
   Kwotazzjoni waħda biss

   GO plc - €1098.58 – Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.

   Network Testing Configurations
   4 Kwotazzjonijiet

   Phillip Toledo Ltd. - €1085.03
   MegaByte Ltd. - €1495.20
   Inetrcomp Ltd- €1534.00
   Digico Ict Solutions - €1080.00

   Il-Kunsill ideċieda dwar l-offerta' ta' Digico Ict Solutions - €1080.00.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli**

<u>Vertical Blinds</u>
3 Kwotazzjonijiet

Joinwell - Vertical - €1201.60
Portelli & Brincat – Vertical - €695.00
Sunlock Blinds – Vertical- €680.00

Il-Kunsill iddeċieda dwar l-offerta' Portelli & Brincat – Vertical - €695.0

<u>Laptop</u>
3 Kwotazzjonijiet

DIX Computers - €850.00
IES Computers - €1695.94
Scan Computers - €1,236.61

Il-Kunsill iddeċieda dwar l-offerta' ta' DIX Computers - €850.00

3. Huwa nforma li rċieva ittra minngħand resident minn Triq il-Barmil rigwrad il-possibilta' li jinbidel l-isem ta' din it-triq peress li Victoria Gardens hemm triq bl-isem tat-Triq il-Bramel u din faċilment tista' tiġi konfuża meta xi ħadd jitlob xi servizzi ta' amblunza jew ta' protezzjoni ċivili. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u kkonkluda li l-isem jibqa' kif inhu minħabba li l-maġġoranza tar-residenti ta' din it-triq ma jixtiequx li l-isem jinbidel.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kunsillier P.Fenech ma attendix għall-aħħar 3 seduti tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' mard u safar. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaċċettax dawn ir-raġunijiet. Il-Kunsill aċċetta u għaldaqstant iddeċieda li dan il-Kunsillier għandu jkun skużat.

5. Huwa informa li kiteb lid-Direttur tal-Cleansing dwar tindif ta' l-għalqa biswit l-entratura tas-Swieqi, hu inkluda wkoll ritratti evidenza ta' l-istat maħmuġ li tinsba fiha din l-art. Qed jistenna li tingħata risposta.

6. Rigward il-kuntrattur responsabbli mill-knis u l-qtugħ ta' ħaxix ħażin, diversi Kunsillieri kkumentaw li qed ikollhom diversi kummenti minn xi residenti. Peress li l-kuntratt għal dan is-servizz irid jerġa' jiġi mġedded jekk jkun hemm qbil, ġie deċiż li jiġi ffissat appuntament mal-Kuntrattur ikkonċernat.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 15 ta'Mejju 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**